MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru 27/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Simon Borg**

Il-Qorti

1. Dan id-digriet huwa dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali fin-Nota responsiva tiegħu tal-25 ta' Marzu 2011 għan-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-atti mill-akkużat fit-23 ta' Marzu 2011.

2. Il-Qorti, wara li kienet rat l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat (fol 12) kienet awtorizzat lill-Avukat Ġenerali li jagħmel xi korrezzjonijiet fl-Att tal-Akkuża, liema Att tal-Akkuża, kif korrett kien ġie notifikat lill-akkużat bil-korrezzjonijiet awtorizzati.

3. L-abbli difensur tal-akkużat kien irrepeta eċċezzjoni li kienet dehret mal-ewwel nota tl-eċċezzjonijiet tiegħu. Din tidher bħala l-ewwel waħda wara l-lista ta' xhieda u li hija kelma, b'kelma l-istess bħal dik immarkata (b) fl-ewwel Nota tal-eċċezzjonijiet. Dwar din l-eċċezzjoni m'hemmx kontestazzjoni.

4.Iżda immedjatament wara l-eċċezzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti jidher dan li ġej:

Fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża cioe' l-Att (il-Kap) li jittratta d-delitt ta' assoċjazzjoni jinsab is-segwenti żball legali:

'L-Avukat Ġenerali minkejja li dan il-Kap jittratta dwar id-delitt ta' assoċjazzjoni, madankollu għoġbu jakkuża lill-esponenti ukoll a tenur tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u a tenur tar-Regolament 4 tal-GN 292 tas-sena 1939, liema artikolu u regolament jistoplaw id-delitt ta' ttraffikar;

Id-delitt ta' ttraffikar, hekk kif mogħtija l-interpretazzjoni tal-kelma traffikar a tenur tal-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa delitt separat u distint minn dak tal-assoċjazzjoni.'

5. L-Avukat Ġenerali li 'l-aħħar eċċezzjoni (kif esposta fil-paragrafu preċedenti) m'għandhiex titqies peress li din titratta parti mill-Att tal-Akkuża fejn l-ebda korrezzjoni ma saret u li kellha titqajjem fl-ewwel nota ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2011.'

6. Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2011, il-Qorti semgħet il-partijiet jittrattaw dwar din l-eċċezzjoni. Rat ukoll is-sentenza 'Ir-Repubbblika ta' Malta versus John Attard' tal-15 ta' Novembru 2005.

7.. Minn eżami akkurat tal-eċċezzjoni tal-akkużat fl-Ewwel Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, jirriżulta li, skont l-akkużat, 'l-Avukat Ġenerali kemm fl-Ewwel kif ukoll fit-Tieni Kap tal-

Att tal-Akkuża għamel dikjarazzjonijiet li ma jsibux konfort fil-provi bl-ebda manjiera ta' tiġbid tal-immaġinazzjoni.'

8. Ma jirriżultax li kien hemm xi referenza speċifika għal xi artikoli kif effettivament sar fit-tieni Nota tal-eċċezzjonijiet.

9. L-artikolu 438(2) jgħid li l-akkużat għandu jippreżenta n-Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-kopja tal-Att tal-Akkuża.

10. Il-perjodu hawn imsemmi huwa wieħed perentorju u ma jistax jitwal lanqas b'xi sottomissjonijiet ġodda waqt it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni. Jekk, f'dan il-każ, wara korrezzjoni li saret mill-Avukat Ġenerali fuq eċċezzjoni mqajma mid-difiża nnifisha, l-akkużat ħass li għandu jagħmel xi Nota, allura din kellha tkun limitata biss għal xi żball tal-korrezzjonijiet li saru. Dan ikun nin linea ma' dak li kien deċiż fis-sentenzi 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Mario Pollacco (19.04.2001) u 'Ir-Repubblika ta' Malta versus John Attard' ( l-ewwel istanza 14 ta' Settembru 2004 u 15 ta' Novemrbu, 2005). Fl-ewwel sentenza msemmija ntqal hekk:

*'L-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 449(1) jistabilixxu terminu perentorju fih għandhom jingħataw l-eċċezzjonijiet preliminary u eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi mill-akkużat….Spiss qed jiġri pero' li wara li jkunu ngħataw dawn l-eċċezzjonijiet, l-akkużat jipprova fit-traattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell – jwessa' l-istess eċċezzjonijiet jew jsiposta l-bażi tagħhom b'mod li l-eċċezzjoni tkun tkopri ferm aktar minn dak li jkun ġie oriġinarjament eċċepit fin-nota ppreżentata entro t-terminu ta' 15-il jum ta' xogħol tal-imsemmi Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan, fil-fehma tal-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta għal evażjoni tat-terminu perentorju msemmi, b'mod li jkun u effettivament qed jiġu sollevati eċċezzjonijiet wara li jkun skada t-terminu.'*

11. Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar dik il-parti tal-eċċezzjoni li tidher a fol 50 tal-proċess li tibda bil-kelmiet ' Fl-Ewwel Kpa tal-Att tal-Akkuża u tispiċċa 'huwa delitt separat u distint minn dak tal-assoċjazzjoni.'

12. Fil-mertu, iżda, qed jingħad dan li ġej: Dawn l-artikoli ma jingħatawx lill-ġurija u għalhekk mhix ser tkun influwenzata minnhom.

13. Oltre dan l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap 101 jipprovdi kif ġej:

'(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,'

Jidher li l-Avukat Ġenerali f'dan l-Ewwel Kap ikkonċentra fuq l-akkuża ta' assoċjazzjoni kif jidher mir-ripetizzjoni ta' kliem bħala 'ftehmet' u 'ftiehem'u min kif inhi mfassla l-parti narrattiva. Jidher li l-Avukat Ġenerali introduċa ċerti artikoli tal-Kap 101 u ċerti regolamenti tal-Avviż Legali 292/1939 għaliex hemm referenza għal ċertu reati fl-istess paragrafu 22(1)(f) - bħalma jidher fil-kliem 'ibigħ' jew 'ittraffika'. B'daqshekk ma kienx qed joħloq akkuża differenti jew b'xi mod jagħmel il-pożizzjoni tal-akkużat agħar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------